Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,941, 5 ta' Mejju, 2000
Taqsima B

A.L. 77 ta' l-2000

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tas-sena 2000 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Arts - B.A. - in European Studies

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu

1. Dawn ir-Regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti tas-sena 2000 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Arts - B.A. - in European Studies u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Arts - B.A. - in European Studies, ippubblikati bħala Avviż Legali 70 ta' l-1998, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw minn Mejju 2000 'il quddiem.

Emenda għall-paragrafu (1) tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (1) tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"9. (1) L-Eżamijiet Finali għandhom normalment isiru f'Ġunju u s-sessjoni riparatorja f'Settembru, u għandhom jikkonsistu f'żewġ karti ta' tliet siegħat-il waħda f'kull qasam ewlieni ta' studju u karta ta' tliet siegħat f'kull qasam sekondarju ta' studju. Jista' jsir ukoll eżami *viva voce.*"